MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Rikors Numru. 607/2004

**MALTACOM PLC.**

**vs**

**Kenneth Konrad MALLIA MILANES**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors;

Illi l-kawża fl-ismijiet Maltacom p.l.c kontra Kenneth Konrad Mallia Milanes (Ċit.Nru. 1340/99 FGC) ġiet deċiża min din l-Onorabbli Qorti fit-2 ta' Frar, 2002, u fl-istess kawża l-konvenut kien ġie kkundannat jħallas lill-Korporazzjoni Telemalta, illum Maltacom p.l.c. s-somma ta'

Lm1,253.58 (elf, mitejn, tlieta u ħamsin Liri Maltin, tmienja u ħamsin ċenteżmi), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 445241.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut għadu ma ħallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikat, oltre Lm245.50 (mitejn, ħamsa u erbgħin Liri Maltin, u ħamsin ċenteżmi) spejjeż u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A", kif ukoll Lm442.93 (erba' mija, tnejn u erbgħin Liri Maltin, tlieta u disgħin ċenteżmi), imgħax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sat-2 ta' Lulju 2004, u għalhekk l-ammont dovut lill-esponent huwa ta' Lm1942.01 (elf, disa mija, tnejn u erbgħin Liri Maltin u ċenteżmu), salv kull imgħax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza għaddew aktar minn ħames (5) snin u s-Soċjeta' esponenti għandha interess illi tipproċedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tiġbor l-ammont lilha dovut.

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt illi tagħmel referenza għall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha tipproċedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat li l-intimat notifikat ma pprezentax risposta u lanqas deher għar-rikors;

Rat li r-rikorrenti kkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u li ma tħallas xejn fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk tilqa' t-talbiet tal-istess rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat/i.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------